noqgħod bi kwieti nistenna s-siegħa tiegħi bla biża' ta' xejn għax dejjem għext fil-biża' t'Alla" u kompliet tgerger f'qalbha "Ħadd ma kien jemminni, mita kont ngħidilhom li 'mewt u xita Alla jaf mita'; imma naħseb li issa l-koll jaħsbuha bħali."

U hekk Karmni 'ħaxixa ħażina' baqgħet tgħix weħidha. Kulħadd reġa' qal, kif kienu qalu erbgħin sena qabel, li Karmni ma ddumx ma tmut, imma...... "Mewt u xita......" u Karmni għadha tgħix sal-lum.

Ivo Muscat-Azzopardi.

Lixandra, 24 ta' Lulju 1935.

# BEWSA*

*Fortis ut mors*

Miexja r-Reġina...
Fil-moħba ta' qalbha
il-ġlieda ħarxa bejn id-dmugħ u r-rażan.
Miexja r-Reġina ta' Franza,
Marie Antoinette,
u l-bojja, bla qilla u bla ħniena,
miexi ma' ġenbha.
Fil-misraħ,
—baħar ta' nies li għandhom l-għatx ta' demmha—
hemm lest il-palk,
u fuq il-palk sewdieni
tleqq is-Sikkina taħt id-dija bajda
ta' l-aħħar xemx.

* Outside, the noisy thousands awaited her... She stood unmoved by the insults of these people. But when a child kissed its hand to her, she came near weeping.

She left the cart and mounted the scaffold.

Bickley, F.—*Marie Antoinette*
London, 1912. Page 104.



Ma titnihedx il-Mara,
iżda kiesħa bħal lefgħa
tħoss tkexkixa tissaġġar ma' ġisimha,
għaliex bla ħniena tagħfas
il-mibegħda ta' min ħabbejna b'qalbna.
Miexja r-Reġina... ta' reġina l-mixja,
ta' reġina l-imġiba;
iżda fuq wiċċha
għandha s-sfura tal-mewt,
għaliex aktar mill-mewt ħarxa l-mibegħda.

***

Miexja r-Reġina...
Qalb il-kotra magħduba
trakha titbissem ħlewwa ta' tarbija
hienja fuq dirgħajn ommha :
b'ħarsa ta' l-anġli
dik il-ħlejqa bla ħtija
tiġbor fuq fommha l-ponot ta' subgħajha
u, 'l fuq mir-rjus, tixħtilha bewsa. Mewġa.
sħuna ta' demm tfawwar mill-qalb imrażżna
tar-Reġina u fuq wiċċha
tinżel demgħa ta' faraġ :
joħla l-morr tal-mibegħda
fil-benna ta' l-imħabba,
u bla tkexkixa
tnizżel rasha r-Reġina
taħt ix-xafra tal-mewt...
Kemm tiflaħ BEWSA !

Dun Karm.

30-vi-35.